# L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Settembru 2024

NR 209/2024 Data tal-Ħruġ: 08 ta' Novembru 2024 Data tal-Għeluq: 31 ta' Ottubru 2024

*F'Settembru 2024, il-produzzjoni industrijali żdiedet b'1.3 fil-mija meta mqabbla ma' Settembru 2023.*



L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jieħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f'Malta.

**Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta' qabel**

F'Settembru 2024, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali żdied b'1.3 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023. Meta kienet eskluża l-enerġija, l-indiċi tela' bi 2.7 fil-mija (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Paragun annwali tal-produzzjoni industrijali sħiħa

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta' qabel**

F'Settembru 2024, il-produzzjoni tal-manifattura żdiedet bi 2.8 fil-mija. L-akbar żieda kienet irreġistrata fil-produzzjoni ta' manifattura oħra (8.6 fil-mija). Wara din, kien hemm żieda fil-produzzjoni ta' prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika u tal-vista, u ta' vetturi bil-mutur (7.6 fil-mija) u fil-prodotti ta' prodotti kimiċi u tal-farmaċewtika (4.2 fil-mija). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fil-produzzjoni tal-injam, prodotti tal-karta u l-istampar (19.7 fil-mija) u fil-prodotti tal-lastku, plastik u prodotti oħra minerali mhux tal-metall (0.4 fil-mija) (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Il-produzzjoni tal-manifattura - paragun annwali ta' ċerti oqsma

Id-differenza li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta' qabel imqassam bl-iggruppar industrijali ewlieni**

Il-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta' użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella metodoloġika għal aktar tagħrif).

F'Settembru 2024, il-produzzjoni tal-oġġetti intermedji, tal-oġġetti kapitali u tal-oġġetti tal-konsum żdiedet bi 18.0 fil-mija, bi 12.8 fil-mija u b'1.5 fil-mija, rispettivament. Għall-kuntrarju ta' dan, il-produzzjoni tal-enerġija naqset bi 22.1 fil-mija (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Paragun annwali maqsum bl-iggruppar industrijali ewlieni

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta' qabel**

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista' tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma' xahar (ara l-punti metodoloġiċi 5 u 6).

F'Settembru 2024, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied b'1.0 fil-mija meta mqabbel ma' Awwissu 2024 sabiex laħaq 110.0 punti (2021=100) (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. L-Indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun

Indiċi (2021 = 100)

